# Kunċert Korali u Strumentali mill-Banda Imperial u Amadeus The Chamber Choir



Nhar il-Ġimgħa 27 t'Ottubru 2017, ġewwa Pjazza Ġwanni Pawlu II ittella' kunċert korali u strumentali mill-Banda Imperial flimkien ma' *Amadeus The Chamber Choir* minn Liverpool fir-Renju Unit. L-ewwel parti tal-programm kienet tikkonsisti f'kant korali mill-istess Kor. It-tieni parti kienet magħmula minn siltiet mużikali mill-Banda Imperial. Fil-final *Amadeus The Chamber Choir* u l-Banda Imperial ingħaqdu flimkien biex esegwew *Ave Verum Corpus* ta' Wolfgang Amadeus Mozart u *Benedictus* minn *The Armed Man* ta' Karl Jenkins.

Matul il-jiem li huma kienu fostna, l-*Amadeus The Chamber Choir* tellgħu kunċert fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex u fil-kripta tal-Pro Katidral Anglikan ta' San Pawl, il-Belt Valletta. L-istess Kor ta wkoll is-servizz tiegħu waqt is-servizz reliġjuż tal-Ħadd li sar fl-istess Pro Katidral.

### Amadues The Chamber Choir

Amadues The Chamber Choir twaqqaf fis-sena 2000 minn grupp ta' persuni li għandhom għal qalbhom il-kant. Matul dawn is-snin il-Kor tella' diversi kunċerti għall-karità. Kien mistieden ukoll biex ikanta f'postijiet magħrufa fosthom il-Katidrali ta' Durham, Southwall Minster, Hexham Abbey, Liverpool Town Hall u kif ukoll ġewwa Anfield – il-grawnd tal-Futbol ta' Liverpool F.C. – fir-Renju Unit.



Matul is-snin il-Kor kanta f'postijiet prominenti ġewwa l-Ewropa. Fost oħrajn insemmu n-Notre Dame ta' Pariġi, il-Knisja ta' Santa Maria Gloriosa dei Frari ġewwa Venezja u fis-sena 2009 ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma.

Id-Direttur tal-Kor huwa David Holroyd.